Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 11 ta' Novembru 2022**
**(OR. en)**

**14523/22**

**JUR 700**
**COUR 36**
**INST 405**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta’ Emendi għar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali<br>– Approvazzjoni mill-Kunsill |

1. Permezz ta' ittra datata l-20 ta' Settembru 2022, il-President tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea bagħat abbozz ta' emendi għar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti Ġenerali għall-approvazzjoni mill-Kunsill f'konformità mal-ħames paragrafu tal-Artikolu 254 TFUE (dokument ST 12697/22).

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Qorti tal-Ġustizzja eżamina dan l-abbozz ta' emendi msemmi fil-laqgħa tiegħu fis-7 ta' Ottubru 2022.

3. Wara din il-laqgħa, il-Qorti Ġenerali ppreżentat abbozz rivedut tal-Artikolu 71a l-ġdid tar-Regoli ta' Proċedura tagħha (dokument ST 14226/2022), li ġie ċċirkolat lid-delegazzjonijiet. Ma waslet l-ebda osservazzjoni ulterjuri.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill japprova, bħala punt A f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, l-abbozz ta' emendi għar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti Ġenerali kif jidher fid-dokument ST 12697/22, u, fir-rigward tal-Artikolu 71a, fid-dokument ST 14226/2022[1].

---

[1] Wara l-approvazzjoni mill-Kunsill, il-Qorti Ġenerali ser tadotta r-Regoli ta' Proċedura emendati skont il-ħames paragrafu tal-Artikolu 254 TFUE u ser tippubblikahom fil-Ġurnal Uffiċjali.